# ID-DAWL

OTTUBRU 2018 NUMRU 10

## “Afdaw ir-responsabbiltà tat-tmexxija f’idejn dawk li huma denji tagħha.”



Il-Ħidma | Min hu aħjar? | Il-Forma ta’ Gvern | L-Għan tar-Reliġjon

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IL-ĦIDMA

Matul l-istorja umana rajna ħafna sistemi ta' gvern u mexxejja li ħakmu f'perjodi differenti. Kull mexxej iwiegħed bidla fil-pajjiż u kif l-interessi tan-nies se jkunu dejjem aktar protetti.

Naħseb, il-mexxej veru tan-nies huwa dak li dejjem lest biex iservihom, li dejjem jiffoka fuq il-ħidma tiegħu, u li dejjem ikun lest biex iservi lill-poplu tiegħu, u dejjem jaħdem għall-interess komuni, u qatt ma jaħseb għall-interessi personali u tal-qraba tiegħu meta jieħu d-deċiżjonijiet, u li jġib differenza pożittiva f'ħajjet il-bniedem.

Il-mexxej huwa bħala ragħaj li għandu dejjem jieħu ħsieb il-merħla tiegħu bl-aħjar mod possibbli, bl-onestà, bil-lealtà u bis-sinċerità kollha. Għax bħala ragħaj għandu jwieġeb quddiem Alla dwar dak kollu li għamel fil-ħajja tiegħu bħala mexxej. Għalhekk, il-mexxejja għandhom jiffokaw fuq il-ħidma u l-ħidma biss.

Bl-istess mod, għandna nżommu f'moħħna li l-poplu wkoll għandu responsabbiltà kbira meta jiġi biex jagħżel il-mexxejja tiegħu. Għandu jagħżel l-aħjar kandidati possibbli għat-tmexxija tiegħu b'sinċerità sħiħa.

**ID-DAWL**

Ottubru 2018 – Numru 10 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

Aqra "**ID-DAWL**" onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

Il-Qoxra: I'm Friday | Shutterstock

# MIN HUWA AĦJAR?

**U min huwa aħjar fil-kliem minn dak li jistieden lill-bnedmin lejn Alla u jwettaq għemejjel tajba, u jgħid, 'Jiena żgur wieħed minn dawk li jobdu'?**

**It-tajjeb u l-ħażin mhumiex l-istess. Evitaw il-ħażen b'dak li hu l-aqwa. Ara, dak li bejnek u bejnu hemm ostilità u mibegħda jsir qisu kien ħabib sinċier.**

**Iżda ma jingħatawx (din il-grazzja) ħlief dawk li huma sodi, u ma jingħatax (din il-barka) għajr dak ta' risq tajjeb.**

(Il-Koran Imqaddes, 41:34-36)

## IS-SEJĦA LEJN ALLA

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

"Fuq Alla! Jekk Alla, bis-saħħa tiegħek, juri t-triq it-tajba lil raġel wieħed, dan ikun aħjar għalik mill-iġmla l-ħomor (li jġibu prezz għali)." (Muslim)

"Min isejjaħ lil ħaddieħor lejn it-triq it-tajba, il-ħlas tiegħu jkun daqs il-ħlas ta' dawk li jimxu fuq is-sejħa tiegħu, filwaqt li xejn ma jitnaqqas mill-ħlas tagħhom. Iżda min isejjaħ għat-telfien, id-dnub tiegħu jkun daqs id-dnub ta' dawk li jimxu fuq is-sejħa tiegħu, filwaqt li xejn ma jitnaqqas mid-dnub tagħhom." (Muslim)

"Agħmlu r-reliġjon ħafifa ħalli n-nies isegwuha; u la ttaqqluhiex. Xandru r-reliġjon b'mod xieraq, u mhux b'mod li tnaffru lin-nies minnha." (Muslim)

# IL-FORMA TA' GVERN FL-IŻLAM

**"L-Iżlam kif jiddefinixxi s-sovran, jew l-Istat?** F'terminoloġija Iżlamika s-sovran jew il-Kalif huwa dak l-individwu rappreżentattiv li poplu ta' nazzjon jaħtar għall-protezzjoni u s-superviżjoni tal-jeddijiet tiegħu kemm individwali kif ukoll kollettivi. L-Iżlam ma jirrikonoxxi l-ebda forma ta' tmexxija ħlief dik ta' gvern rappreżentattiv.

Il-Koran Imqaddes uża l-kelma *Amanat* (fiduċja) biex jiddeskrivi l-kunċett Iżlamiku ta' gvern, jiġifieri, il-Kalif jeżerċita setgħa li tkun ingħatat lilu min-nies, u mhux setgħa li ħa hu stess bil-volontà tiegħu jew li ntirtet minnu bħala jedd mit-twelid. Din il-kelma weħidha hija biżżejjed biex turi n-natura u s-setgħat tas-sura Iżlamika ta' tmexxija.

Il-Koran Imqaddes ma jitkellimx dwar is-setgħa ta' tmexxija bħala xi ħaġa li tgħaddi mis-sovran għas-sudditi, iżda bħala xi ħaġa li tgħaddi mis-sudditi għas-sovran. Madanakollu, biex napprezzaw sewwa l-kunċett Iżlamiku tal-Istat, huwa neċessarju li nikkwotaw il-vers li, fil-qosor, iżda f'termini komprensivi, jiddeskrivi n-natura u d-dmirijiet tal-ħakkiema u tal-maħkumin. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"Alla jamarkom biex tafdaw ir-responsabbiltà tat-tmexxija f'idejn dawk li huma denji tagħha, u dawk minnkom li ssiru mexxejja, għandhom jirrenjaw b'mod ġust; Alla jwiddibkom b'dak li huwa eċċellenti, tassew Huwa Jisma' Kollox, Jara Kollox."** [Al-Nisa,4:59]

Fl-ewwel parti ta' din is-silta n-nies qed jingħadilhom li huwa f'idejhom biex jagħżlu l-mexxejja tagħhom, u li ħadd iżjed ma jista' jaħtar mexxej fuqhom, jiġifieri, is-sovranità mhijiex ereditarja u ħadd mhu intitolat li jsir mexxej għaliex inzerta li huwa iben jew l-eredi ta' ħakkiem preċedenti.

It-tmexxija mbagħad hija definita bħala fiduċja prezzjuża u n-nies huma mwissija biex ma jafdawhiex f'persuna li mhijiex denja ta' dik il-fiduċja, iżda li jqiegħdu r-responsabbiltà f'idejn xi ħadd li jaqdi dmiru sewwa, b'onestà u b'fedeltà.

Imbagħad, is-silta tkompli tgħidilna li t-tmexxija mhijiex xi ħaġa indipendenti fiha nnifisha, iżda hija biss tqassim ta' poteri bil-għan li ċerti drittijiet jiġu inforzati u protetti għaliex in-nies ma jistgħux jinfurzawhom u jħarsuhom b'mod individwali. Għalhekk, hija fiduċja u mhux proprjetà. Id-dritt għall-iggvernar jaqa' primarjament fuq il-komunità u mhux fuq il-ħakkiem.

Dan tal-aħħar, madanakollu, jintqal lilu li l-awtorità mogħtija lilu hija forma ta' fiduċja u li huwa ma jistax jabbuża jew jużaha ħażin, u li għandu jgħaddiha lill-benefiċjarji, fil-waqt tal-mewt tiegħu, mingħajr deterjorament jew diminuzzjoni, jiġifieri, huwa jrid joqgħod attent li jipproteġi l-interessi u d-drittijiet nazzjonali u individwali, u li m'għandu l-ebda jedd li jnaqqas jew iħassar xi partijiet minnhom.

**Il-mexxejja u l-uffiċjali mbagħad jingħad lilhom biex jaqdu d-dmirijiet rispettivi tagħhom fl-oqsma tagħhom b'ġustizzja u b'fedeltà.**

Il-vers imbagħad jindika li l-Musulmani se jabbandunaw din il-forma ta' tmexxija, u biex jagħmlu bħal popli oħrajn, jerġgħu lura għal forma ta' ggvernar li hija monarkika u ereditarja, iżda t-twiddiba ta' Alla – dik li l-Musulmani għandhom jaderixxu l-forma rappreżentattiva ta' tmexxija, jagħżlu l-aqwa mħuħ biex imexxuhom u jevitaw is-sistema ereditarja ta' ggvernar – tforni l-aqwa parir. L-aħħar kliem tal-vers jindika li Alla għażel din is-sura ta' tmexxija għaliex Huwa konxju tal-ħażen ta' forom oħra ta' ggvernar magħżula mill-bniedem, u għaliex Huwa sema' t-talb ta' dawk li sofrew taħthom, u li, għalhekk, il-Musulmani għandhom jaċċettawha u b'hekk juru l-gratitudni tagħhom għall-pjaċir li Alla għamlilhom.

**Minn dan joħroġ ċar li l-forma Iżlamika ta' gvern trid tkun ibbażata fuq sistema elettiva u rappreżentattiva, u li s-sovran irid jitqies bħala r-rappreżentant tal-poplu fil-kapaċità kollettiva u mhux individwali tagħhom."**

(Din hi silta meħuda mill-Kitbiet ta' Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] – it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam. *Anwarul Ulum*, Vol.8, p.291-293.)

# L-GĦAN TAR-RELIĠJON

L-Iżlam huwa twemmin ġenwin u ħaj. Dawk li jistudjaw il-Koran Imqaddes – it-tagħlim Divin tal-Iżlam – bir-reqqa għandhom ikunu konvinti li t-tagħlim tal-Iżlam ifornihom bl-għarfien korrett dwar Alla, il-moralità, l-imġiba soċjali u l-ispiritwalità.

Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra], it-Tieni Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

"Hemm erba' għanijiet prinċipali fir-reliġjon:

1. L-ewwel għan tar-reliġjon huwa li tgħallem lill-bniedem dwar is-sors tiegħu, jiġifieri, li tfornih bit-tagħrif ġust dwar il-Ħallieq tiegħu, ħalli ma jkunx eskluż milli japprofitta mis-sors Divin li jħaddan kull poter u qawwa, u ma jibqax nieqes mill-għarfien dwar l-għan tal-eżistenza tiegħu, li tista' titfisser biss mill-Ħallieq innifsu. Għal dan il-għan hemm bżonn li jitfissru dawn l-erba' affarijiet:

   (a) Il-persuna u l-attributi ta' Alla;

   (b) In-natura tar-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla;

   (ċ) Il-mod kif għandha tiżviluppa din ir-relazzjoni, u r-responsabbiltajiet mogħtija lill-bniedem minn Alla;

   (d) Il-mezz ta' kif il-bniedem jilħaq lil Alla u jissodisfa x-xewqa għal unjoni Miegħu; u r-realizzazzjoni prattika ta' dan il-għan f'din il-ħajja ħalli l-bniedem ikun jista' jisboq l-istadju tad-dubju u jilħaq iċ-ċertezza li tikkonċerna lil Alla.

2. It-tieni għan tar-reliġjon huwa li din tipprovdi kodiċi kompleta ta' regoli ta' mġiba morali. Għal dan il-għan, għal darba oħra, huwa neċessarju li jitfissru dawn is-seba' affarijiet:

(a) X'inhuma l-prinċipji tajba?

(b) X'inhuma l-prinċipji ħżiena?

(ċ) L-istadji differenti ta' prinċipji tajba.

(d) L-istadji differenti ta' prinċipji ħżiena.

(e) Għaliex prinċipji partikolari jissejħu tajba jew ħżiena?

(f) Il-mezzi ta' kif wieħed jikseb prinċipji tajba.

(ġ) Il-mezzi ta' kif wieħed jevita prinċipji ħżiena.

3. It-tielet għan tar-reliġjon huwa li din tipprovdi soluzzjoni għall-problemi soċjali li jaffaċċja l-bniedem. Minħabba li l-bniedem fin-natura tiegħu huwa soċjali, huwa neċessarju li r-reliġjon issawwar prinċipji bażiċi li jirregolaw l-imġiba soċjali tiegħu fejn jiġu stabbiliti l-paċi u l-ordni u tipi u klassijiet differenti ta' nies ikunu kuntenti bid-drittijiet u l-privileġġi rispettivi kollha tagħhom, u ħadd minnhom konxjament, jew inkonxjament, m'għandu jxekkel lil ta' ħaddieħor.

Ftit ħsieb juri li r-regoli tat-tħaddim tas-soċjetà jistgħu jiġu fformulati b'mod ġust minn Alla biss, għaliex l-ebda bniedem jew klassi ta' bnedmin, minħabba l-indħil ta' interessi personali, m'għandu fil-pussess tiegħu dik il-viżjoni wiesgħa li hija attribut neċessarju għal dan il-għan.

Id-dikjarar ta' dawn il-prinċipji, għalhekk, li fuqhom għandha titwaqqaf is-soċjetà umana huwa wieħed mill-funzjonijiet importanti tar-reliġjon, u reliġjon li tfalli f'dan ir-rispett bilkemm jistħoqqilha li tissejjaħ b'dak l-isem. Għal dan il-għan huwa neċessarju li reliġjon tagħmel enfasi fuq dawn l-affarijiet li ġejjin:

(a) Relazzjonijiet domestiċi, jiġifieri d-drittijiet ta' relazzjonijiet *inter se*, dan ikun l-ewwel stadju tas-soċjetà umana;

(b) Id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini u kif dawn jiġu mfissra bl-aħjar mod;

(ċ) Ir-relazzjoni bejn is-sid u l-qaddej, il-ħakkiema u l-maħkumin, u s-sinjuri u l-fqar;

(d) Ir-relazzjonijiet bejn is-segwaċi ta' reliġjon u dawk ta' oħra, u s-sudditi ta' gvern u dawk ta' ieħor.

4. Ir-raba' għan tar-reliġjon huwa li din tispjega t-tmiem tal-bniedem, jiġifieri, x'jiġri minnu wara mewtu. Għal dan il-għan huwa neċessarju li jitfissru:

(a) Hemm ħajja wara l-mewt? U jekk iva, fiex tikkonsisti?

(b) Jekk hemm il-ħajja wara l-mewt, din hija suġġetta għall-uġigħ u għall-pjaċir?

(ċ) Jekk hija suġġetta, x'natura għandhom dawn is-sentimenti ta' wġigħ u pjaċir?

(d) Ikun possibbli għall-bniedem li jaqleb mill-ħażin għat-tajjeb wara mewtu? U jekk iva, kif?

Hija biss valutazzjoni tat-tagħlim ta' reliġjon dwar dawn l-erba' għanijiet li tista' tgħinna biex naslu għal stima tal-valur ġenwin ta' dik ir-reliġjon."

(Din hi silta meħuda mill-Kitbiet ta' Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] – it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam. *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam, Anwarul-Ulum,* Vol. 8, pp. 133-135)

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**